MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 712/1999/1

Avviz Nru:-712/99DM

I.G. Enterprises Limited

Vs

Joseph Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex prevja d-dikjarazzjoni li l-incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta' Settembru 1997, ghal habta tat-3.00pm fi Triq G. Cali kantuniera ma Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, sehh b'tort uniku tal-konvenut meta bi traskuragni, b'imprudenza, b'negligenza u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku l-konvenut qasam hesrem bil-vettura Maruti numru ta' registrazzjoni AAN 619 mix-xellug tal-mutur Piaggio numru ta' registrazzjoni EAK 292,

proprjeta' tas-socjeta  attrici, b'mod li kkaguna l-kollizzjoni bir-rizultat li kkawzalu danni konsistenti f'loss of earnings stante li l-mutur  in kwistjoni huwa wiehed tal-kiri.

Ghalhekk, ghaliex, il-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici d-danni hekk likwidati anke permezz ta' perit nominat, f'ammont li ma jeccedix is-seba' mitt lira Maltin (Lm700).

Bl-ispejjez, inkluzi  dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Frar, 1999 u tal-ittra bonarja tat-3 ta' Marzu 1999, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-eventwali hlas ilkoll  kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher in  ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Attard fejn eccepixxa  illi:

1 Fl-ewwel lok l-attur ma gabx prova illi huwa sid il-mutur numru ta' registrazzjoni EAK 292;
2 Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura numru EAK 292, u dana billi fil-kaz ta' habta go cross road fejn it-toroq huma ta' importanza ugwali (kif huwa l-kaz odjern), ghandu d-dritta s-sewwieq li jkun fuq ix-xellug (f'dan il-kaz l-eccipjenti) u ghalhekk u invista ta' dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.
3 Stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta attrici, liema danni f'kwalunkwe kaz, kif reklamati mis-socjeta attrici, huma ghal kollox ezagerati u kwindi mhux dovuti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2002 fejn intalab korrezzjoni fl-avviz fis-sens illi ix-xahar ta' Novembru jigi mibdul ghax-xahar ta' Settembru.

Rat il-verbal tad-9 t’ April 2002 fejn il-partijiet qablu li r-responsabbilta bl-incident ghandha tigi maqsuma in kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghal sewwieq tas-socjeta attrici u terz (1/3) ghal konvenut.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dak li jirrigwarda “responsabbilta” ghal kollizzjoni in kwistjoni, il-kontendenti qablu illi l-konvenut ghandhu jkun responsabbli in quantu ghal terz (1/3) u ghalhekk huwa tenut li jhallas terz (1/3) mid-danni arrekati lill-atturi b’konsegwenza tal-kollizzjoni.

Ghalhekk il-kontestazzjoni tal-konvenut hija limitata biss ghal “quantum” tad-danni rizultanti minn dan l-incident peress illi jsosstni illi m’ghandux jigi tenut responsabbli ghal hlas tal-“lucrum cessans” minhabba dewmien esagerat fir-riparazzjoni tal-mutur in kwistjoni.

Mill-provi jirrizulta stabbilit illi ghalkemm il-kollizzjoni grat fis-17 ta’ Settembru 1997 u jirrizulta mis-survey report illi ghar-riparazzjoni tal-mutur kien hemm biss bzonn ta’ jumejn lavorattivi, it-tiswija tal-mutur tal-kumpanija attrici sehhet wara l-10 ta’ Dicembru 1997 ossia wara illi s-surveyor inkarigat mill-kumpanija konvenuta kien ipprepara r-rapport.

Mid-dokumenti esibiti mill-attur jirrizulta illi, f’dan id-dewmien ta’ tlett xhur u nofs, dan il-mutur ma seghtax jinkerha kif destinat mill-atturi li n-negozju taghhom kien fil-kiri tal-muturi u ghalhekk l-atturi f’dan il-perjodu ta’ tlett xhur u nofs sofrew danni konsistenti fit-telf ta’ qliegh mill-kiri tal-istess mutur.

Huwa principju stabbilit in tema ta’ danni illi d-dannegjat ghandhu kemm jista’ jkun jimmiminizza d-danni illi jkunu gew jew qed jigu arrekati lilhu u ghalhekk il-kumpanija attrici kienet tenuta illi kemm jista’ jkun malajr tezegwixxi r-riparazzjonijiet fil-mutur biex tkun tista’ taghmel uzu minnhu.

Ghalhekk fic-cirkostanzi normali il-kumpanija attrici kienet tkun gustifikata biss illi titlob l-ammont ta’ Lm184.80 (mija erba’ u tmenin lira Maltin u tmenin centezmi) ghal partijiet dannegjati oltre kumpens ghax-xoghol tat-tiswija u kumpens ghal telf ta’ qliegh ta’ jumejn li fih kien setgha jigi rriparat il-mutur.

Izda l-kumpanija attrici m’hix qeghdha tibbaza l-pretenzjoni taghha eskluzivament fuq l-effetti tal-kollizzjoni izda qed issostni illi d-dewmien fir-riparazzjoni kien dovut esklussivament ghal impediment impost mill-kumpanija assikurattrici tal-konvenut illi rrifjutat li tawtorrizza lill-atturi biex jghaddu ghar-riparazzjonijiet qabel ma huma jibaghtu serveyor biex jezamina l-hsara u effettivament kien taw il-kunsens taghhom ghal bidu tar-riparazzjonijiet fil-bidu ta’ Marzu tas-sena 1998.

Ivan Zammit,  prodott mill-kumpanija attrici, kien enfatiku fil-pretenzjoni tieghu illi huwa halla l-mutur ghand il-garaxx fejn kellha jsir ir-riparazzjoni u jallega illi effettivament il-bidu tar-riparazzjonijiet kellu jsir meta jawtorizzaw il-kumpanija Gasan Insurance, l-assikuraturi tal-konvenut.

Infatti l-istess Ivan Zammit sahansitra jsemmi lil John Sciberras bhala ufficjal tal-kumpanija assikuratrici tal-konvenut illi kien impedih milli jibda bit-tiswijiet .

Min-naha tal-konvenut, il-provi in kontestazzjoni ta’ din l-allegazzjoni gew limitati ghad-deposizzjoni ta’ Max Borg Bonello, li jallega minghajr ma jichad kategorikament dak li qal Ivan Zammit, illi d-dewmien ta’ iktar minn tlett (3) xhur kien dovut ghal fatt illi l-istess Ivan Zammit kien talabhom biex jibghatu s-surveyor perjodu ta’ tlett xhur.

Jirrizulta wkoll illi l-kumpanija assikuratrici tal-konvenut kienet taf bil-kollizzjoni u bil-pretenzjoni tal-kumpanija attrici minn ftit granet wara il-kollizzjoni in kwistjoni. Infatti l-assikuraturi tal-atturi kienu kitbu lill-Gasan Insurance fit-30 ta' Settembru 1997 bi proposta ta' transazzjoni dwar ir-ripartizjoni tar-responsabbilta' u kien ghalhekk fl-interess taghhom illi jibghatu s-serveyor fi zmien utili anke biex ikunu jafu dwar l-ammont ta' danni in kwistjoni. Konsegwentement mhux verusimili illi l-kumpanija assikuratrici tibghat is-surveyor taghha jekk mitluba biss mill-persuna assikurata ma' kumpanija ohra.

Ghalhekk huwa hafna iktar verosimili dak li qed jallega Ivan Zammit ghall-kumpanija attrici illi effettivament huwa gie prekluz illi jibda' bit-tiswijiet minhabba l-agir tal-kumpanija assikuratrici tal-konvenut illi evidentement f'din il-kwistjoni kienet qed tirrapprezenta l-assikurat taghha.

Ghalhekk il-konvenut huwa tenut illi jghamel tajjeb ghad-danni arrekati lill-atturi bl-iskadenza inutilment tal-perjodu ta' cirka tlett xhur u nofs imsemmi minn Ivan Zammit ghall-kumpanija attrici.

Infatti l-istess Ivan Zammit jiddikjara illi kif appena is-surveyor mibghut mill-kumpanija assikuratrici tal-konvenut lesta r-rapport huwa prontament beda bit-tiswijiet tal-mutur.

Mid-dokumenti prodotti mill-attur jirrizulta illi l-kumpanija attrici hija ampjament gustifikata illi tirreklama kumpens ta' Lm6.50 (sitt liri Maltin u hamsin centezmi) ghal kul jum li fih il-mutur baqa' dannegjat u skond kif jirrizulta mid-dokument IZ2 (a fol 19 tal-process) din ir-rata hija applikabbli biss sal-31 t'Ottubru ta' kull sena u b'effett mill-1 ta' Novembru r-rata tonqos ghall Lm3.00 (tlett liri Maltin) kuljum.

Izda dak li huwa indikat fl-istess dokument a fol 19 tal-process, jirreferri ghal perjodu ta' oltre hames (5) xhur mentri d-deposizzjoni ta' Ivan Zammit carament tirreferri ghal perjodu li ma jeccedix tlett xhur u nofs u billi jirrizulta li s-survey sar fl-10 ta' Dicembru u l-atturi jiddikjaraw illi

ghamlu t-tiswijiet wara dan is-survey, il-Qorti qeghdha *arbitrio boni viri* tiddikjara illi t-tiswijiet kellhom ikunu lesti mhux iktar tard mill-15 ta' Dicembru tas-sena 1997 u ghal dan il-perjodu l-atturi sofrew is-somma ta' Lm286 (mitejn sitta u tmenin Lira Maltin) nuqqas ta' qliegh ghal perjodu sal-31 t'Ottubru 1997 u is-somma ta' Lm135 (mija hamsa u tletin lira Maltin) ghal perjodu sal-15 ta' Dicembru 1997 bir-rata ta' Lm3 (tlett liri Maltin) kuljum. Total ghalhekk ta' Lm421 (erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin).

Dawn huma l-unici danni involuta f'dawn il-proceduri billi skond it-termini tal-avviz l-attur illimita t-talba tieghu ghad-danni konsistenti "f'loss of earnings" u mhux danni emergenti direttament mill-kollizzjoni.

F'cirkostanzi normali dawn id-danni kienu jigu repartiti skond ir-responsabbilta' rispettiva ghal kollizzjoni in kwistjoni izda il-"lucrum cessans" li sofrew l-atturi mhux direttament ikkawzati mill-kollizzjoni izda mill-impediment illegittimu illi jghamlu l-assikuratturi ghan-nom tal-konvenut Joseph Attard illi prekludew lill-atturi milli jimminimizaw id-danni li qed isofru u jghaddu ghat-tiswijiet.

Ghaldaqstant ir-responsabbilta' ghal dan it-tip ta' danni kellha proprjament tkun kollha tal-konvenut kif rapprezentat mill-assikuratturi tieghu, izda fil-premessi tal-avviz il-kumpanija attrici rabtet it-talba taghha esklusivament ma r-responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku u mhux fuq ir-responsabbilta' ta' l-impediment impost mill-kumpanija assikuratrici tal – konvenut u ghalhekk din il-Qorti trid bil-fors tibbaza d-decizjoni taghha fuq ir-responsabbilta' ghal kollizzjoni illi l-partijiet qablu li minnha l-konvenut ghandhu biss terz (1/3).

Ghaldaqstant il-konvenut jista' biss jigi ritenut li jhallas terz (1/3) mid-danni illi qed jirreklamaw l-atturi ghan-nuqqas ta' qliegh u billi dan l-ammont qed jigi likwidat fis-somma ta' Lm421 (erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin) il-parti li minnhu hija dovuta mill-konvenut qed tigi likwidata fis-somma ta'Lm140 (mija u erbghin liri Maltin).

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut Joseph Attard huwa responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni fi grad ta' terz (1/3) u filwaqt li tillikwida d-danni konsistenti f'nuqqas ta' qliegh fis-somma totali ta' Lm421 (erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin) qeghdha tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta'Lm140 (mija u erbghin liri Maltin) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Mejju 1999.

L-ispejjez ghandhom jithallsu in quantum ghal zewg terzi (2/3) mill-atturi u terz mill-konvenut (1/3)

--------------------------------TMIEM--------------------------------